**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)Ph.D**

**Appell Nru: 3183/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Borg**

**Illum, 5 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Anthony Borg** detenur tal-karta tal-identita' Maltija **260783M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

A) Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra CO 235 Abela, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti. Art.96 Kap.9

B) Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni ta' CO 41, CO 235, u CO 31 persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħahom jew li jinfluwixxi fuqom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz. Art.95 Kap.9

C) Ħebb għal CO 235 Abela u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifka Dr. Franklin Abela Med Reg 3936 tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin . Art.221(1) Kap.9

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba biex tapplika l-Artikolu 33A tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuna offiża jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba ohra ikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-appelant ai termini tal-Artikolu 412C tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Frar, 2024, fejn sabet lill-imputat Anthony Borg ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-perijodu ta' priġunerija ta' sena u multa ta' €5,000.

Illi wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin a favur ta' CO 235,CO 41 u CO 31 għal sena .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Borg preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Marzu ,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni ħtija u piena jew in subsidum f'kaz li l-Qorti issib ħtija fil-konfront tiegħu timmodifika l-istess sentenza appellata limittament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena

inflitta ta' sena priġunerija u ħamest elef euro 5,000 multa u minflok tinfliġġi piena alternattiva ekwa u ġusta jew piena alternativa minn dik karċerarja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Anthony Borg, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Marzu ,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew in subsidum, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu għall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sena priġunerija u ħamest elef ewro (€5,000) multa u minflok tinfliġġi piena alternattiva ekwa u ġusta jew piena alternattiva minn dik karċerarja.

L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Apprezzament ħażin tal-Fatti u tal-Provi

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele fir-rigward tal-apprezzament ħażin tal-fatti ppronunzjat illi

"F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja tal-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 28 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet il-Pulizija vs. Etienne Sammut fir-rigward ta' l-apprtezzament ħażin tal-provi ppronunzjat illi

*"Meta jsir appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."*

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti ta' din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u dan għal raġunijiet gravi b'mod li din l-Qorti għandha tirrevedi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti għaliex l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi.

Illi huwa konċess illi din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti pero din l-Qorti għandha tagħmel apprezzament approfondit tal-istess u tara li l-Ewwel Qorti ma kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha.

Għalhekk din il-Qorti għandha tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din hija raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni u ħtija lill-imputat minn kull ħtija u piena.

Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet IL-PULIZIJA vs LAWRENCE ATTARD datata 12 ta' Settembru 1996 fir-rigward ta'ATTAKK JEW REŻISTENZA KONTRA UFFIĊJALI PUBBLIKU - INĠURJA JEW THEDDID KONTRA UFFIĊJAL PUBBLIKU l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri ppronunzjat illi

*"Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali (re:attakk jew reżistenza kontra uffiċjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia reżistenza kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda ukoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompeteni. Meta uffiċjal tal-pulizija jintima li jkunser jarresta lil xi ħadd, jew ikun effettivament qed jipproċedi biex jarresta lil xi ħadd, jew ikunġa' arresta u qed iżomm lil xi ħadd arrestat, huwa jkun ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-pulizija jkun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi ħadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak il-pulizija jeżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma jistax jingħad li dak il-pulizija jkun qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-liġi" fis-sens ta' l-artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tiegħu fis-sens ta' l-artikolu 95."*

Illi f'dan il-każ biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali (re:attakk jew reżistenza kontra uffiċjal pubbliku), ossia l-ewwel imputazzjoni, irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia reżistenza kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda ukoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompeteni. Meta uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva ntima li kien ser jarresta lill-appellant, u kien effettivament qed jipproċedi biex jarresta lill-appellant, huwa kien ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva kien qiegħed jipprova jipperswadi lill-appellant bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak l-uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva eżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma jistax jingħad li

dak l-uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva kien qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-liġi" fis-sens ta' l-artikolu 96, għalkemm huwa kien qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tiegħu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Għaldaqstant kif jirriżulta mill-Affidavit ta' PS2187 J. Grech fejn CO 31 stqarr miegħu li kellu juża forza minima sabiex jimmanettja lill-imputat ifisser li dak l-uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva eżercita s-setgħa tiegħu li jarresta ma jistax jingħad li dak l-uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva kien qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-liġi" fis-sens ta' l-artikolu 96, għalkemm huwa kien qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tiegħu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Illi allura dan ifisser li l-imputat la darba ġie arrestat ma jistax jiġi misjub ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Illi l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet IL-PULIZIJA vs JOHN MALLIA datata 21 ta' Mejju 1960 fir-rigward ta'ATTAKK JEW REŻISTENZA KONTRA UFFIĊJALI PUBBLIKU l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri ppronunzjat illi

*"Jekk wieħed jindaħal fid-doveri tal-pulizija u juża mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun ħati ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija a differenza tal-każ, fejn ikun hemm sempliċi kliem oltragguz jew sempliċi minacci jew "mera inazione". Fil-każ tal-persuna li tkun fidejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm ċerta tolleranza, billi dik il-persuna tkun qegħda tirreżisti lill-Pulizja għax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispiċċa malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qegħdin izommuha biex toffendihom fil-persuna tagħhom u tmur oltre s-sempliċi sforz biex tevadi l-arrest. Imma kwantu għat-terz, din it-teorija li ġa per se ma għandiex bl-ebda mod tiġi largeggjata jew estiża ma tapplikax għalih avvolja hu jindaħal fid-doveri tal-Pulizija biex jiddefendi lil dik il-persuna anki, jekk tkuntigi minnu."*

Illi f'dan il-każ l-appellant ma ndaħalx fid-doveri tal-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva u ma użax vjolenza effettiva allura mhuwiex ħati ta' attakk u reżistenza lill-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva a differenza ta' dan il-każ, fejn kien hemm sempliċi kliem oltragguz jew sempliċi minacci jew "mera inazione". F'dan il-każ meta l-appellant kien f'idejn l-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva kellu talvolta kien hemm ċerta tolleranza, billi l-appellant kien qiegċed jirreżisti lill-uffiċjali tal-Facilita' Korrettiva għax kien imbuttat mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza m'għandiex tispiċċa malli l-appellant poġġa jdejħ fuq CO235 li kien qiegħed iżommu minn għonqu u ma setax jieħu nifs u għalhekk dan m'għandux jitqies bħala sforz biex jevadi l-arrest.

Illi dan ifisser ukoll li l-appellant ma jistax jiġi misjub ħati tal-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Illi l-appellant jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet IL-PULIZIJA vs ANTHONY CAMILLERI datata 1 ta' Frar 1958 fir-rigward ta'ATTAKK JEW REŻISTENZA KONTRA UFFIĊJALI PUBBLIKU l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri ppronunzjat illi

*"Il-Pulizija, fl-eżercizzju tad-doveri tagħha, għandha d-dritt li tuża dak il-"quantum" ta' forza li jkun neċessarju; u kull membru tal-Pulizija għandu dritt jiddefendi ruħu jekk ikun aggredit waqt li jkun qiegħed jagħmel dmiru. Imma dan id-dritt tal-Pulizija lanqas ma għandu jigi abbużat; u għalhekk, stante li l-element intenzjonali fid-delitt ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija hu li l-imputat ikun aġixxa biex jimpedixxi att ta' ġustizzja, l-imputat ikun aġixxa biex jimpedixxi att ta' ġustizzja, l-imputat ma għandux jiġi ritenut ħati ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija meta da parti tal-Pulizija kien hemm abbuż minn dan id-dritt tagħhom; għax ma jistgħax ikun hemm din l-intenzjoni meta hemm aċċess da parti tal-Pulizija jew uffiċjal publiku. Jista' f'każ simili jkun hemm ir-reat ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, jew ta' tfixkil u ngerenza fid-doveri tagħhom, jew ta' minaċċja ta' natura kontravvenzjonali,*

*imma mhux id-delitt ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom."*

Illi f'dan il-każ l-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva, fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom, kellhom id-dritt li jużaw dak il-"quantum" ta' forza li kienet neċessarju; u kull uffiċjal tal-Faċilita' Korrettiva għandu dritt jiddefendi ruhu jekk ikun aggredit waqt li jkun qiegħed jagħmel dmiru. Imma dan id-dritt tal-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva lanqas ma għandu jiġi abbużat; u għalhekk, stante li l-element intenzjonali fid-delitt ta' attakk u reżistenza lill-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva hu li l-appellant ikun aġixxa biex jimpedixxi att ta' ġustizzja, l-appellant ikun aġixxa biex jimpedixxi att ta' ġustizzja, l-appellant ma għandux jiġi ritenut ħati ta' attakk u reżistenza lill-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva meta da parti tal-uffiċjali tal-Faċilita' Korettiva kien hemm abbuż minn dan id-dritt tagħhom; għax ma jistgħax ikun hemm din l-intenzjoni meta kien hemm eċċess da parti ta' CO 235 meta qabad lil-appellant minn għonqu u ma setax jieħu nifs. Jista' f'"dan il-każ kien hemm ir-reat ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet leġittimi tal-uffiċjal tal-Faċilita' Korettiva, jew ta' tfixkil u ngerenza fid-doveri tagħhom, jew ta' minaċċja ta' natura kontravenzjonali, imma mhux id-delitt ta' attakk u reżistenza lill-uffiċjali tal-Faċilita' Korrettiva fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom.

Illi dan ifisser ukoll li l-appellant ma' setgħax jiġi misjub ħati ta' l-ebda imputazzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Mejju , 2024 fejn stqarr li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti għandha tiġi konfermata in toto kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward il-piena mposta.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotta.

Semgħet lill-partijiet jagħmlu is-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024.

Ikkunsidrat

Illi fl-ewwel lok l-appellant jistqarr fl-aggravju prinċipali tiegħu li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti imresqa quddiemha. Illi jiġi imfakkar li din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-

> *kif dejjem ġie ritenut huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklżzjoni li tkun waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezżerċitata mill-ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment jew legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk

---

sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali mresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman

L-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tannies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar

---

Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġie u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jingħad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, għalhekk, li ingħad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati tagħna, illi "great weight should be*

[4] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

> *attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu għaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination"*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal- Page 15 of 21 Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx *"unsafe and unsatisfactory"* fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx *"unsafe and unsatisfactory"*. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha l-opportunita', a differenza ta' din il-Qorti, illi tara u tisma' lil parte civile u lill-appellant jixhdu quddiemha. B'hekk kienet f'posizzjoni ferm aħjar minn din il-Qorti biex tapprezza dik ix-xiehda u tagħrbilha mill-lenti tal-kriterja tal-kredibbilita tax-xiehda imsemmija fil-Liġi Maltija. Dik il-Qorti setgħet tanalizza mhux biss il-verżjonijiet rilaxxati minnhom iżda anki l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx leġittimament u raġonevolment issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu peress illi l-verżjoni tiegħu tal-fatti li seħħew kienu ferm aktar kredibbli minn dawk tal-parte ċivile. B'hekk jgħid li kellu jiġi lliberat.

**Ikkunsidrat**.

Rat l-affidavit ta' **PS 187 J Grech** esebit fl-atti a fol. 11. Spjegat li nhar it-8 ta Lulju 2022 għall-ħabta ta' 16.04 kienet qiegħda xogħol ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Rahal Ġdid meta marru l-uffiċjali mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin biex iħejju rapport tal-pulizija rigward vjolenza u insulti u theddid li sar ġewwa l-Faċilita Korrettiva f'Rahal Ġdid.

Il-kwerelanti CO 41, CO 235 u CO 31 irrapportaw li dakinhar stess u ċioe nhar it-8 ta' Lulju, 2022 ġew provokati waqt il-qadi ta' dimirijeithom mill-priġunier Anthony Borg.

Fid-dawl ta' dan CO 31 stqarr magħha li għall ħabta tas-14.30 p.m kif waslu fil-lokazzjoni ta' Division 13 u l-uffiċjali tad-Division kienu ser jagħmlu search tal-affarijiet ta' Anthony Borg l-attitudni tiegħu inbidlet minn *compliant* ġiet aggressiv u qabad jidgħi u qallu ' *ngħaddi minn fuqek'* imbagħad kompla jidgħi, jindirizza lilhom it-tlieta f'daqqa u jgħid '*insibkom barra u ngħaddi minn fuqkom wieħed wieħed'* fejn hemmhekk sar aktar aggressiv li kellhom jużaw forza minima sabiex jimmanettjawh.

CO 31 żied jgħid li '*filwaqt li konna qegħdin nimmanetjawh gidem lil CO 235 fuq idu l-leminija ftit il-fuq mill-polz*.' CO 31 kompla jistqarr li 'wara ġie trasferit lejn Division 6.

CO 41 stqarr li "*għall-ħabta tas-14.30 kellna transfer mit-12 ghat-13 ta' Anthony Borg u kif wasalna għal Division 13 qabad jargumenta ma Co 31 u beda jgħidlu,' ngħaddi minn fuqek 'u kif ġara hekk hedded lilna kollha u ġie aggressiv. Hawnhekk kelna nużaw forza neċessarja għax dan ħebb għalina"*

CO 235 stqarr li "*Għall-habta tas-14.30 kellna transfer mid-Division 12 għall Division 13 ta' Anthony Borg u kif wasalna Division 13, biddel l-attitudni tieghu u ġie aggressiv fejn indirizza b'xebgħa dagħa lill Uffiċjal CO 31 bi kliem ta' theddid li jgħaddi minnu fuqu. Hawnhekk ġie aktar aggressiv u ħebb għalina it-tlieta jiġifieri CO 31, CO 41 u lili CO 325 li ha jsibna barra wieħed wieħed u jgħaddi minn fuqna fejn pprova iħebb għal Co*

*31 u għaldaqstant użajna forza neċessarja fejn konsegwentmenet gidem lili fuq idi tal-lemin naqra 'l fuq mill-polz. "*

Tkompli tgħid li CO 325 gie eżaminat minn Dr Franklin Abela fejn irriżulta li kellu feriti ta' natura ħafifa.

Għalhekk huwa fimkien mal-kollegi tiegħu irraportaw ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex ikellem lill-appellant Anthony Borg priġunier ġewwa l-Faċilita. Waqt li tkellem ma dan Anthony Borg xegħel il--Body Cam tatu id-drittijiet legali tiegħu iżda irrifjuta li jkun assistit minn avukat. Dan stqarr li *"Dakinhar kien hemm żewg uffiċjali tal-Habs li bdew jilletikaw, jiena mort sabiex inwaqqafhom imbagħad għal xi raġuni s-Sir Pawlu beda jafgħasni minn għonqi u ma stajtx niccaqlaq."* Anthony ġie mistoqsi minni PS 2187 'Jekk irreferix għall-assistenza medika fejn minn naħa tiegħu stqarr *'il-ħuta ż-żghira qatt ma kielet l-ħuta l-kbira. Ma għidilhom xejn.'*

Fid-dawl ta' dan l-appellant ġie mistoqsi jekk ħebbx għal xi uffiċjal tal-ħabs fejn qal *"dawn qishom commandos tal-SRT jien disabled x'nista ngħamlilhom. Dawn għamlu ċertifikat falz tal-gidma u għandi x-xhieda ta' dan ċertu Tony Grima li qiegħed Division 11."* Dan ġie mgħarraf minnu li fl-ebda hin ħadd ma semmielu l-ġriehi kienu jikkonsistu f'gidma fejn hu wieġeb lura *"il-priġuniera qaluli li gidma."* Mistoqsi min kienu dawn il-prigunieri jghid li *'ma niftakrax'*.

Huwa ivverifika ma' Senior Charge Nurse Silvio Todaro li huwa stazzjonat fil-MRI room tal-ħabs fejn ġie stabilit meta l-aħħar li Anthony Borg irċieva xi assistenza medika u jekk kien hemm xi data li irċieva assistenza medika relatata mal-allegazzjoni li tefa' hu fuq l-uffiċjal Pawlu. Ġie stabilit li l-appellant irċieva assistenza medika nhar l-11 ta' Lulju, 2022 rigward raġunijiet oħra u fl-ebda ħin ma ilmenta fuq xi ġriehi li setgħu ġew kaġunati in konessjoni ma dan ir-rapport.

In kontro ezami nhar is-27 ta' Marzu 2023 tgħid li kienu l-uffiċjali li rraportaw li l-appellant fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Qalet li l-appelalnt qallhom il-kliem li jgħaddi minn fuqhom waqt li kienu qed jagħtu servizz. Tgħid li kien l-appellant stess li semma gidma għaliex hija kient staqsietu fuq ferita. Mistoqsija

jekk tatx disclosure lill-appellant tgħid li meta marret tkelmu kien għad makellhiex f'idha iċ-ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr Abela. Tgħid ukoll li l-appellant qallu li għandu xhud li ser jixhed fuq dak li ġara ċertu Tony Grima

**CO 24 Juan Bonello** xehed nhar it-23 ta' Jannar, 2023 u kkonferma li nhar it-8 ta' Lulju, 2022 ġew infurmati li kellu jkun hemm transfer mid-Division 12 għal Division 13 tal-priġunier Anthony Borg. Qal li meta marru hemm għall-ħabta tas-2.30 p.m dan il-priġunier tile fir-raġuni kollha. Qagħad jargumenta ma' CO 31 u qabad jeddidhom kollha li jsibhom barra u jgħaddi minn fuqhom. Ġie aggressiv li kellhom jużaw forza biex jimmanetjawh. Qal li pprova iħebb għal CO 31 bl-idejn. Huwa flimkien ma xi uffiċjali oħra intervjenew biex jipproteġu lil CO 31. Qallu 'insibek barra'. F'dan kollu kien wegga CO 325. Jghid li CO 325 stqarr li l-appellant gidimlu idejh għalkemm hu ma raħiex issir. Pero l-gidma f'id ix-CO 325 raha bejn il-minkeb u l-pala għalkemm liema id kienet ma ftakarx. Meta mar ineħħi lill-appellant minn Division 12 ghal 13 miegħu kien hemm CO 31 u CO 325. Qalli meta kienu miegħu fid-Divison 12 l-appellant ma kienx kalm iżda naqra irrabjat. Iżda meta fid-Divison ra li Co 31 l-attitudni tiegħu inbidlet f'daqqa waħda ċum bum. Qal li Co 31 dak il-ħin ma kienx indirizza lill-appellant. Meta l-appellant ipprova iħebb għal CO 31 kien hemm xi metru bejniethom u mill-ewwel induanw li kien ser iħebb għalih u waqfuh minnufih. Qal li fl-ebda ħin ma izzika lill-appellant għalkemm xoghlu kien li iċaqlaq priġunier u għalhekk irid ikun preparat għal dak li jista' jinqala'. Lanqas ma ra lil xi ħadd ieħor jizzikah. Jgħid li l-appellant kien qed igorr għax xejn ma kien kuntent. Mistoqsi jispejga x'forza intużat beix immanettjaw lill-appellant jgħid li qabduh minn idejh it-tnejn niżluh ma l-art u mmanetjawh. Jiċħad li kien hemm minnhom li qabdu minn għonqu. Jiċħad li CO 325 qabad lill-appellant minn idu u kien f'dak il-hin li saret il-gidma. Jikkonferma li l-appellant ma kienx jaf minn qabel li kienet ser issir din it-transfer tiegħu min Division għal ieħor.

**CO 325 Paul Abela** xehed nhar it-23 ta' Jannar, 2023 ikkonferma li nhar it-8 ta' Lulju 2022 kellhom ordni li jeskortaw Tony Borg minn Division 12 għal dik 13. Kien flimkien ma' CO 31 u CO 41. Marru sabu lil Tony Borg fis-2.30 p.m. Għajtulu

wara l-fall in u qalulu li għandu transfer. Dan beda igerger u jidgħi mal-ewwel. Staqsihom x'kient ir-raġuni u qalulu li kellhom ordni. Qabad jerġa jidgħi u beda jippakkja u qisu kien ikkalma. Qabdu mexjin lejn Division 13 u appena joħorġu minn Division 12 hemm speċi ta' common room u meta daħlu hemm għamlu search fl-affarijeit tiegħu u dan fil-preżenza tiegħu. Dak il-ħin dar fuq CO 31 u qallu biex ma iharisx hekk ghax ilu imqabbad miegħu. Huwa dar fuqu u qallu ' *x'inti tgħid? qas biss qed ikelmek*". Qallu ilu imqabbad miegħu. Qallu ' ilu imqabbad miegħu tibżax barra minn hawnhekk u kollha insibkom barra, nagħtik daqqa ta' karozza'. Dar fuqhom u l-appellant żied jgħid 'noħroġ barra u insibkom wieħed wieħed u intikom daqqa ta' karozza. Dak il-ħin qallu 'Ton mhux hekk.' L-appellant qabad ser iħebb għal Co 31 u arrestawh. Tefgħuh ma l-art u niżluh u immanetjawh. Jgħid li kif ħatfu idu ġiet ma ħalq l-appellant u pprova jigdmu u kif ħass hekk fil-fatt gidmu u kif kien ser jgħafsu ħareġ idu u żammu għax ma kienx ser iħallih iweġġgħu. Qal li mar għand it-tabib fil-ħabs stess. Huwa jgħid li l-ferita kienet f'idu l-leminija u saret mill-appellant li għaraf preżenti fl-awla bħala l-akkużat.

Bħala uffiċjali dak il-ħin miegħu kien hemm CO 31 u CO 41. Qal li l-appellant ma riedx jissottometti ruħu għat-transfer li ġie ordnat minn fuqu. Sħabu beda jgħidu lil Toni biex itihom idejh iżda dan irrifjuta u kien għalhekk użaw il-forza neċessarja għaliex irresistihom. In kontro ezami jgħid li damu madwar 20 minuta biex għamlu t-transfer minn Division 12 għal Division 13. F'dal ħin l-appellant kien qed jidgħi waqt li jitfa l-affarijiet tiegħu f'borża. Qal li l-appellant indirizza lil CO 31 u staqsih '*għalfejn qed tħares lejja*?' Dan kien *out of the blues*. Qal li l-appellant beda billi hedded li CO 31 u wara dar għalihom. Bejn CO 31 u l-appellant kien hemm distanza ta' xi metru u nofs. Appena l-appellant kien ser iħebb għal CO 31 waqfuh. Jghid li l-appellant qallu '*Qal madonna insibkom kollha barra u intajjarkom'*. Qal li huwa ma kienx ser ihallih imur lejn uffiċjal iehor sabiex iweġġgħu u kien għalhekk li qabżu fuqu biex jarrestawh. Qal li hu ma poġġiex idu ma wiċċ l-appellant inzerta ġiet hemm għal *fraction of a second* u dak il-ħin gidmu.

**Dr Franklyn Abela** xehed fl-istess jum tat-23 ta' Jannar, 2023 u muri ċ-ċertifikat mediku esebit fl-atti jikkonfermah fl-intier tiegħu Ikklasifika l-ferita li ra bħala ta' natura ħafifa. Jikkonferma li ra l-pazjent nhar it- 8 ta' Lulju 2022 fit-3.30p.m.

**CO 31 Patrick Caruana** xehed u spjega li nhar it-8 ta' Lulju, 2022 għall-ħabta tas-14.30 p.m huwa flimkien ma CO 41 u CO 325 niżlu Dvision 12 fuq istruzzjonijiet li kellhom u ċioe sabiex imexxu lill-appellant minn Division 12 għal Division 13. Dan qabad jippakkja l-affarijiet tiegħu u bdew mixjin lejn Divisoin 13. Bdew ifittxulu fl-affarijiet tiegħu u ħin minnhom l-appellant dar lejh u qabad jidgħi u qallu '*ngħaddi minn fuqek.'* Dan kompla jidgħi u indirizza lilhom it-tlieta li kien ser jgħaddi minn fuqhom wieħed wieħed. Sar aggressiv u kellhom jużaw forza sabiex jarrestawh. Dan gie immanetjat u wara ġie trasferit għal Divisoin 13. CO 325 qallu li kellu ħruq f'idu il-leminija u kien hemm gidma li saret minn l-appellant il-fuq mill-polz. Lill-appellant jgħarfu bħala l-persuna li l-ewwel qallu li kien ser jgħaddi minn fuqu u wara qal l-istess lit-tlett uffiċjali li kienu. Dan id-diskors sar bejn id-Divisions ħdejn il-guard room u t-taraġ. Jgħid li kien hu li taħ l-aħbar li kellhom ordni minn fuq li kellhom jaraw li jsir dan it-transfer meta l-appellant beda igerger. Fil-fatt qallu biex jidħol fiċ-ċella biex jitkelmu. Jikkonferma li l-appellant kien xi metru u nofs bogħod minnu waqt li saret is-search. Qal li l-appellant sar aggressiv wara li kien indirizza lilu. Jgħid li meta indirizza lilu kien quddiemu iħares lejh. Jgħid li meta qal li intużat forza huwa hemm il-CO 41 jimmanetja l-appellant.

**l-appellant Anthony Borg** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-27 ta' Marzu 2023. Jgħid li lejliet kien talab lis-Surġent Roderick għal ċella għalih għaliex iħobb l-indafa u ma riedx jaqsamha ma' ħaddiehor u tah ċella għalih u kien kuntent ħafna biha. Qal li dakinhar tal-inċident sab tlett uffiċjali li kienu ser ituh *transfer* għal Division 13 fejn fis-sajf jaqflu l-priġunieri fl-16.30 p.m. Qal li meta wasal fid-Divison 13 u kien fil-kumpanija tal-uffiċjali tal-ħabs l-SRT's. Qal li huma kienu ser jiġġieldu bejniethom l-uffiċjali tal-ħabs mal- SRT's u indaħal bejniethom u CO 31 qabdu minn għonqu u beda jagħfsu u ġie bla nifs. Tmien t'ijiem wara iltaqa miegħu l-Qorti u staqsih biex jara l-gidma u dan qallu li kienet

telqet.  Ċahad li huwa f'xi ħin gidem lil uffiċjal Abela. Qal li huwa għandu l-karta tad-*disabled* u ma seta jgħamillu xejn għax kienu seba' uffiċjali tal- SRT's. Qal li l-uffiċjal Abela waqt li kien immanetjat ma l-art ħabbatlu wiċċu ma' l-art. Qal li idendel ma għonqu kemm jiflaħ u peress li ġie bla nifs intelaq. Jaf li ħass daqqa ta' sieq u ma jafx minn fejn ġiet u jaf li uffiċjal tal-SRT ħabbatlu rasu ma l-art. Mistoqsi għaliex immanetjawh jgħid li seta kien il-każ għaliex kien imbutta xi uffiċjal. Jgħid li dakinhar li sar bit-transfer kien irrabjat ħafna iżda xorta telaq mid-Division 12 bil-kwiet.

**Silvio Tadaro** xehed nhar is-27 ta' Marzu 2023 u qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Charge Nurse fil-medical intervention clinic u jgħid li huwa ma joħroġx ċertifiakt mediku minkejja li jkun tratta medikament persuna il-ħabs.  Huwa jiddokumenta dak li jara fl-inmates. Qal li jekk ikun hemm xi ferita jkun it-tabib li joħroġ iċ-ċertfikat.

**Helenio Galea** xehed u qal li dak iż-żmien tat-8 ta Lulju 2022 ma kien hemm l-ebda priġunier bl-isem Tony Grima. Għalkemm fil-passat kien hemm priġunier bl-isem Tony Grima.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment.</u>**

Illi mill-provi akkweżiti kif rapportati iktar 'l fuq jirriżulta biċ-ċar li nhar it-8 ta' Lulju 2022 l-appellant kien involut f'inċident ma tlett uffiċjali tal-ħabs u ċioe ma CO 31, CO 41 u CO325. Illi din il-Qorti eżaminat ix-xhieda ta' dawn it-tlett uffiċjali u lkoll qalu b'mod elokwenti u kredibbli li huwa marru biex jinfurzaw ordni li ingħatat lilhom minn ta' fuqhom u ċioe sabiex jgħamlu t-transfer tal-priġunier appellant minn Division għal ieħor. Jiddiskrivew kif l-appellant kien piuttost compliant magħhom fil-bidu iżda wara ftit sar aggressiv ma CO 31 u wara magħhom ilkoll. Qalu li spiċċaw jimmanettjaw lill-appellant għaliex ma riedx jikkopera magħhom u CO 325 jiddiskrivi kif effettivament l-appellant spiċċa anke saħansitra gidmu. Illi din il-ferita hija ċċertifikata minn Dr Franklyn Abela li eżamina lil CO 325 ftit wara l-akkażut. Jingħad li x-xhieda tal-

prosekuzzjoni kien u konsistenti fix-xhieda tagħhom u kkoloboraw lil xulxin anke fl-iċken dettal. Waqt li x-xhieda tal-appellant hija inkonsistenti u inverosimili u żgur li mhux kredibbli.

Jingħad li l-appellant fl-ewwel lok li l-appellant hedded lill-uffiċjali tal-ħabs bili qallhom li meta joħroġ jgħaddi minn fuqhom wieħed wieħed. Illi huwa ħebb għalihom tant li kellu jiġi mmanettjat u fil-proċess gidem lil CO 325 u konsegwentement ikkaġunalu ferita ta' natura ħafifa.

Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-ġudizzju milqugħ mill-ewwel Qorti kien wieħed safe and satisfactory u ma hemm l-ebda raġuni 'l għaliex din il-Qorti għandha tiddipartixxi minn tali deċiżjoni hekk milqugħa.

Dwar l-aggravju tal-piena huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt*

*with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."*

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita

tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il- piena. Sintendi, kif diġa` ngħad, "sentencing is an art rather than a science" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor*

Illi fil-każ in desamina ma hemm l-ebda raġuni l-għaliex din il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-piena imposta li wara kollox taqa' fil-parametri tal-liġi piuttost lejn il-minimu tagħha. Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali tal-appellant

li ma hi xejn inqas minn bibja ta' convictions ta' kull ġeneru reġistrat fuqha li jkopru żmien sa mis-sena 1998 sat-3 ta Mejju 2024 fejn ingħata pieni ta' multi, priġunerija, sentenzi sospiżi u anke probations u minkejja dan ma tgħallimx għaliex reġa qiegħed quddiem din il-Qorti. Anke waqt li kien qiegħed il-ħabs jiskonta sentenza ta' priġunerija ikkometta ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati illum.

Għalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza fit-totalita tagħha kemm fir-rigward mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**